MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 2073/2004

**Saviour Scorfna**

**Vs**

**Claudio Calleja**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm980 (disa` mija u tmenin Lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti kagun ta' incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Li l-konvenut jigi ordnat jhallas lill-attur is-somma ta' disa` mija u tmenin lira Maltin (Lm980) rapprezentanti danni minnu sofferti, kagun ta' l-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-25 ta' April 2004 f'San Pawl il-Bahar bejn il-vettura tieghu (IAP 608) u dik bin-numru ta' registrazzjoni IBE 793, misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament minhabba t-traskuragni, imperizja u nuqqas ta'

tharis tar-regolamenti tat-traffikuda parti ta' l-istess konvenut.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress illi l-incident stante tal-avviz odjern sehh minhabba htijiet inputabbli lill-istess attur.

Illi minghajr pregudizzju t-talbiet tal-attur huma esagerati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra n-nota prezentata seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------